LOCAL MEDIA FOR DEMOCRACY PROJECT

## Skeda informattiva

# Malta



## Is-sejbiet prinċipali

Minħabba d-daqs ta' Malta u l-ambjent tal-medja huwa mimli, m'hemmx differenza bejn medja lokali u nazzjonali f'Malta: dak li hu 'lokali' huwa anke aħbarijiet 'nazzjonali' u għalhekk, m'hemmx edizzjonijiet lokali tal-aħbarijiet nazzjonali.

Il-medja kollha huwa aċċessibbli kullimkien f'Malta u l'kommunitajiet residenzjali għandhom aċċess tajjeb għall-medja nazzjonali.

**Filwaqt li m'hemm l-ebda lok ta' tħassib partikulari rigward deżerti tal-aħbarijiet ("news deserts") f'Malta, is-sejbiet tar-rapport jenfasizzaw kwistjonijiet oħrajn peress li l-pajjiż jipprezenta:**

- Livell għoli tal-istrumentalizzazzjoni politiċi tal-medja
- Nuqqas sinifikanti ta' independendenza editorjali
- Midja tas-servizz pubbliku politiċizzat.

### Ebda trasparenza fid-distribuzzjoni tar-reklamar tal-gvern fil-medja

Il-gvern u l-entitajiet tiegħu huma sorsi prinċipali tad-dħul tar-reklamar tal-medja kollha, u dan hu **riskju għall-independenza editorjali**.

Barra minn hekk, ir-riklami jbbukkjati direttament mill-ministeri jew entitajiet tal-gvern m'humiex trasparenti u m'hemmx kontrolli biżżejjed biex jkun hemm tqassim ġust ta' dan it-tip ta' finanzjament tal-medja.

### Rekord ta' SLAPPs

F'2022, **il-pajjiż kellu l-għola numru tal-każijiet ta' SLAPP għal kull ras f'Ewropa**, ma' 19.93 każijiet għal kull 100,000 persuna.

Fost dawn jinkludu każijiet diversi miġjubin minn ministeri u aġenziji tal-gvern kontra l-portal investigattiv online, The Shift News. Dawn il-każijiet kienu relatati ma' 40 talbiet tal-Libertà tal-Informazzjoni li kienu miċħudin.

## Kundizzjonijiet ħorox għat-twettiq tal-ġurnaliżmu

Minbarra l-każijiet ta' SLAPPs, **il-fastidju tal-ġurnalisti** u l-entitajiet tal-medja f'Malta wkoll jinvolvi **theddidiet dirretti għas-sigurtà personali** u kampanja kbira ta' misinformazzjoni mmirat għas-sitt entitajiet independenti tal-medja u blogger tal-aħbarijiet. Din il-kampanja tinkludi l-kreazzjoni ta' websites foloz u li jintbgħatu emails foloz lill-newsrooms,l-oġġettiv primarju huwa li jinfirex aħbar falz.

Barra minn hekk, l-**Institut Ġurnalisti Maltin** ma jistax, fil-prattika, jasigura l-istandards professjonali u l-independenza editorjali. L-Institut, li huwa assoċjazzjoni u ma joperax bħala trade union, għadu qiegħed jiskopri metodi ta' aġġornament tal-kodiċi tal-etika u japplikhom.

## Il-każ tal-minoritajiet f'Malta

Minkejja l-fatt li m'hemmx minoritarijiet rikonoxxuti f'sens legali f'Malta, jeżistu u **madwar l-aħħar għaxar snin**, in-numru taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qegħdin jgħixu u jaħdmu f'Malta **kiber b'mod esponenzjali.**

Tidher li Malta tibbaża ruħha fuq il-fatt li ċittadini li m'humiex Maltin jafu jitkellmu l-Ingliż. Meta taħseb dwar il-modi tax-xandir, kważi kull stazzjon jixandar prinċipalment bil-Malti, filwaqt li l-Ingliż huwa iktar uzat fil-medja miktub u ta' dak online.

M'hemmx **ebda obligazzjoni għal-medja tas-servizz pubbliku biex tirrappreżenta l-minoritajiet**. Skont l-Awtorità tax-Xandir, fir-rigward ta' rappreżentazzjoni tal-minoritajiet, m'hemmx regoli, ħlief **dispożizzjonijiet ġenerali** dwar ir-representazzjoni bilanċjati, ġusti u imparzjali.

Data tal-pubblikazzjoni 28.02.24

Co-funded by the European Union

Aċċessa r-rapport sħiħ bis-sorsi